


# XOGĦLIJIET ARTISTIĊI TAL-MADONNA TA' LOURDES F'SAN ĠORĠ

Ix-xahar ta' Frar hu marbut mat-Tifkira tal-ewwel Dehra tal-Verġni Marija lil Bernadette Soubirous fl-għar ta' Massabielle f'Lourdes, fi Franza, li seħħet fl-1858. Id-devozzjoni tad-Dehriet ta' Lourdes fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ qabdet mill-ewwel, għax inqas minn għoxrin sena wara diġà kien hemm statwa, li wara ftit snin saret oħra flokha, u għaxar snin wara din it-tieni statwa nħadem ukoll kwadru.





L-istatwa l-qadima, li llum tinsab ix-Xewkija. Ritratt: Mark Attard

**L-istatwa** tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes inħadmet fil-kartapesta fl-1879 mill-fabbrika *Galard et Fils* ta' Marsilja. Dakinhar tbierket mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Pietru Pace fil-Knisja filjali ta' San Ġakbu u ttieħdet minn hemm għall-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Saret fi żmien il-Kan. Karm Sultana, Prokuratur tal-festa tagħha. Qabilha kien hemm oħra li tbierket fil-11 ta' Frar 1875 mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Anton Grech Delicata, wara li ġiet mogħtija min-negozjant Bernardo Abela. Kienet tinżamm fil-Knisja ta' San Ġużepp "tas-Suq", imma mbagħad fl-1879 ingħatat lill-Knisja arċipretali tax-Xewkija fejn, meta kien għad hemm il-knisja l-qadima, kellha niċċa tagħha fil-Kappella tad-Duluri, u llum tinsab f'niċċa fil-Mużew tal-Iskultura ta' dik il-parroċċa. L-istatwa attwali tinħareġ għall-qima fil-Bażilika fil-jiem tal-Festa parrokkjali tagħha kull Frar, meta ssirilha wkoll purċissjoni devota *aux flambeaux* mat-toroq tal-Belt Victoria.

**Il-kwadru** tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes, li kemm-il darba jkun espost fuq l-Altar ta' San Lazzru, hu xogħol fin ħafna ta' Carlo Ignazio Cortis (1826-1900), mill-Belt Valletta, kif jidher mill-firma u d-data isfel fuq ix-xellug. Il-kwadru kien sar fl-1890 b'ordni tal-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġwann Marija Camilleri OSA. Kien l-istess Kan. Karm Sultana li ħadem biex isir dawn il-kwadru kbir u sabiħ, li llum il-ġurnata jinħareġ fuq l-istess Altar ta' San Lazzru għall-Festa parrokkjali tal-Verġni ta' Lourdes fi Frar.

